# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 21 /2025

**Data tal-laqgħa:** 7 t' Ottubru , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 21.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

21.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20

21.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 20 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Kien hemm kommunikat minn TM biex bħas-sena preċedenti ma joħorġux permessi fil-ħinijiet tal-iskejjel.

21.3.2 Kommunikat ieħor kien fuq risposta min-naħa tal-assigurazzjoni ; fejn ġie ssuġġerit li titħallas €1000 bħala estensjoni mal-bqija ta-assigurazzjoni biex ikunu koperti l-avvenimenti , iżda kien hemm dubju fuq l-ammont ta' nies li jista' jkun hemm f'avvenimenti biex il-polza tgħodd. L-assigurazzjoni rrispondit li jekk il-pubbliku jaqbeż il-500 viżitatur il-polza ma tkunx tkopri l-avveniment; u peress li ż-żewġ avvenmenti kbar ta' ħal Kikrop jaqbżu dan l-ammont il-membri qablu li din l-estensjoni ma titħallasx.

21.3.3 Il-kommunikat li kien hemm minn Project Green ta l-għażla lill-membri li jagħżlu l-isem ta' Ġnien il-Koppin jew Ġnien il-Qawsalla. Il-membri għażlu li l-isem Ġnien il-Koppin u l-kunsillier Joseph Schembri vvota kontra. Il-membri urew diżżapunt kif l-ewwel ingħataw ix-xelta li jiġu b'isem u meta dawn ġew bl-isem, dan xorta waħda ma ntużax u ġew issuġġeriti ismijiet oħra.

21.3.4 Kien hemm ukoll komunikat fejn ġew offruti l-biljetti bi prezz adegwat għal-residenti biex imorru Circo Orfei. Il-membri għażlu li jmorru nhar is-26 t' Ottubru u ħa jsir reklam biex jattira r-residenti imorru flimkien.

21.3.5 Is-Sindku wasal komunikat biex isaqsi l-membri jekk bħas-sena preċedenti jkunux jistgħu jgħinu lill-kunsilliera Loranna Bonniċi fil-boroż ta' San Martin li jingħataw lit-tfal dakinhar tal-festa ta' San Martin u ma' dan il-membri kollha qablu.

## 21. 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

21.4.1 Il-kunsillera Loranna Bonniċi staqsiet lill-membri preċedenti biex ikunu fuq l-istess ħsieb u gwida qabel ma' ssir il-laqgħa. L-għadiet fil-laqgħat preċedenti ġew offruti li jarmaw jew fejn il-bagħla jew fejn Edwin u dan li ħa jerġa jiġi offrut fil-laqgħa.

21.4.2 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi esprimit ix-xewqa li l-bouncy castle li jkun fl-isem l-iskola primarja ta' Ħal Kirkop għandu jiġi armat fejn kien is-sena l-oħra.

21.4.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li peress li applikazzjonjiet hemm ferm inqas mis-snin preċedenti it-triq ħa jkollha tiqsar fejn jiġu armati l-kanizzati.

21.4.4 Ħa jkun hemm laqgħa fejn dawn l-affarjiet ħa jiġu diskussi iktar fid-detall.

21.4.5 Il-Kunsillier Joseph Schembri qal li jixtieq ikollu rendikont ta' x'qiegħed jintnefaq u xi spejjeż qed isiru mil-Kunsill għax in-nies isaqsu x'qed jagħmel il-

Kunsill bil-fondi li qed jingħata. Dan jista' jkollu aċċess għall-iskedi ta' pagamenti kollha, kemm fiżiċi kif ukoll onlajn.

## 21.5 Billboard oħra

21.5.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wera l-interess li ssir billboard oħra b'dimensjonijiet iżgħar jew simili milli hemm u li tkun tista tinqala'.

21.5.2 Fuq dan kien qbil unanimu u li -preezz għandu jkun ta' € 275 jekk jittieħed għal xahar u jekk jittiħed bil-ġranet ikun bir-rata ta' €9 fil-ġurnata.

## 21.6 Proposta t' aċċessibilita'

21.6.1 Dan is-suġġett kien propost mil-Kunsilliera Loranna Bonniċi, imma f'dan l-istadju ma kellha xi tgħid xejn f'dan ir-rigward.

## 21.7 Bozza Triq San Pietru

21.7.1. Il-Kunsilliera Loranna Bonnoċi ddiskutiet li hemm resident li jrid il-bozza mal-faċċċata tiegħu.

21.7.2 Is-Sindku ddiskuta li jekk ħa ssir bozza, hemmhekk ħa ssir għalxejn għax hemm siġra li ħa taffetwa d-dawl li jkun hemm.

21.7.3 Is-Sindku ta suġġeriment li li jkun hemm estensjoni tal-bozza minn mal-ħajt biex b'hekk ma jiġix affetwat id-dawl. Il-maġġoranza tal-membri qablu ma' dan. Għalhekk Il-Kunsill ħa jara dan hux vijabli man-nexos. Jekk le dan is-suġett jerġa' jiġi diskuss.

## 21. 8 Sleeping Police Triq San Pietru

21.8.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi qalet li f'din it-triq twaħħlet sleeping police meta ma kinitx mitluba.

21.8.2 Din saret min-naħa tal-Kunsill.

21.8.3 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi qalet li jekk din ħa tkun ta' detriment ma tistax tibqa'.

21.8.4 Ġie ssuġġerit li jitwaħħlu tabelli ta' speed cameras fake.

21.8.5 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi ssuġġerit ukoll biex l-sleeping police issir fejn tal-pastizzi.

21.8.6 Is-Sindlu Matthew Agius Zammit ssuġerixxa li ssir waħda Triq Salvu Sacco

21.8.7 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi ssuġġerit li l-sleeping police preżenti tinqasam u nofsha tkun fi Triq il- barrieri u nofsah fi Triq Salvu Sacco.

21.8.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit għamilha ċara li jekk jinqala inċident huwa ma jridx jinżamm responsabbli. Iżda l-membri l-oħra għamluha ċara li huma mhux qed jgħidu li titlaq imma li ssir x'imkien ieħor.

21.8.9 Ġie konkluż li jiġi mistoqsi lil rapreżentant tar-Reġjun biex jati gwida u parir x'jista' jsir f'dan il-każ.

## 21.9 Korsijiet u lezzjonijiet

21.9.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet kommunikat li bħala korsijiet – ARTI tradizzjonali – madum, jewellery making, crochet għandha nies li lesti jgħallmu u li jridu japplikaw . Ħa jiġi mistoqsi jekk hemm xi fondi li l-Kunsill jista' japplika għalihom.

21.9.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi ħa tagħmel proposta bil-lista tal- korsijiet li jistgħu jiġu offruti lir-reġjun biex titla' għall-approvazzjoni.

21.9.3 Is-Sindlu Matthew Agius Zammit semma li hemm persuna li tgħallem line dancing u offriet li tgħallem line dancing kull ġimagħtejn. U l-membri qablu.

## 21.10 Talba għal-mera Triq Santu Rokku

21.10.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ssuġġerixxa biex isir mera meta toħroġ minn Triq Salvu Sacco. Il-Kunsillier Joseph Schmebri staqsa ħabba l- fondi. Għalhekk ħa jiġi mistoqsi jekk ir-reġjun għandhomx xi skema li l-kunisll jista' jibbenefika minnha u jinxtraw il-mirja.

## 21.11 Talba għal-mera Triq tal-Iblieq

21.11.1 Il-membri ħa jaraw x'inhi is-sitwazzjoni eżatt hawnhekk biex jekk hemm bżonn tittela' laqgħa.

## 21.12 Ġurnata Għawdex

21.12.1 Ħa ssir ġurnata Għawdex għar-residenti. Ħa jiġi diskuss min ħa jieħu ħsiebha u meta ħa ssir.

## 21.13 Isem tal-Ġnien

21. 13.1 Il-Kunislliera kollha qbalu li l-Ġnien ħa jissemma Ġnien Il-Koppin. Il-membru Joseph Schembri għamilha ċara li kif tħadmet il-proposta tal-isem ma kinitx aċċetabli għax il-Kunsill ma ġiex mismugħ bil-proposta tal-isem li kellu l-Kunsill.

## 21.14 Attivitajiet mal-membri ta' Rousset (Ġemelaġġ)

21.14.1 Mhux ħa jsir għalissa għax ġiet pospsota d-data

## 21.15 Skema – Mobility For Everyone

21.15.1. Din hija skema interessanti ħafna li l-Kunsill jista' japplika b'ideat inovatovi fejn jipromwovi l-idea ta' mobilta' għal kulħadd.

21.15.2 Il-Viċi Sindku Bernince Caruana flimkien mal-Kunislliera Loranna Bonniċi ftehmu li jiġu b'xi ideat u jaqsmuhom mal-bqija tal-membri.

## 21.16 Gal Xlokk Skema

21.16.1 Ix-xelter Trqi il-Kbira nistgħu ndaħluh taħt l-iskema Gal XLokk taħt miżura numru tnejn. Biex insibu postijiet li huma Landmarks u jsiru tabelli bl-infomazzjoni.

## 21.17 Rapport tal-ilmenti

21.17.1 Loranna Bonniċi semmiet li fi Triq il-Fieres kellha lment fuq persuna li għall-darbtejn qabditlu l-faċċata ħabba nar minn xi wajers. Għalkemm bosta entitajiet ġew ikkuntatjati ma' sar l-ebda tibdil. Il-membri tal-Kunsill ħa jaraw x'forma ta' komunikazzjoni saret biex ikomplu jsaħħu fuq dak li diġà hemm.

21.17.2 Fi Triq Danny Cremona hemm inspaction tad-dranaġġġ u tinsab misduda ħa jiġu kkunatjati Water Service biex tiġi rranġata.

21.17.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ippropona li ssir unloading/loading bay lill-każin ta' San Anard u s-Socilaising. U ma 'dan kien qbil

## 21.18 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

21.18.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 167 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

21.18.2 Il-Kunsilllera Loranna Bonniċi resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 167 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, iżda mhux bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

21.18.3 F'dan il-waqt il-Kunsiliera Ritienne Caruana qalet lis-segretraja li ta' spiss titniżżel hija fuq dan ir-rigward u li mhux ħa tkun qed tiffirma u trid tara l-iskeda ta'pagamenti iktar fid-detall.

21.18.4 Is-segretarja qalet li l-iskeda tiġi dejjem ippreżentata u ma jgħaddux pagamenti jekk ma jkunx hemm qbil. Hawnhekk is-segretraja qalet lill-Kunsillera Ritienne Caruana bid-deċiżjoni li r-reġjun kien ħa biex il-Kunsill iħallas l-ammont ta' €380 li ngħataw forma ta' biljett għal-titjira tal-ajru biex il-Kunsilliera Ritienne Caruana tattendi l-European Week of Regions and Cities u din għal-raġunjiet varji ma attenditx.

21.18.5 Kien hemm diżgwid bejn is-Segretraja u l-Kunsilliera Ritienne Caruana.

21.18.6 Hawnhekk fejn is-Sindku Matthew Agius isospenda l-laqgħa. (Ħin 19.35)

21.18.7 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana telqgħet mil-laqgħa.

21.18.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit reġa' kompla bil-laqgħa (Ħin 19.40)

## 21.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.19.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

21.19.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2025 fil-17:00hrs

21.19.3 Il-laqgħa ntemmet fit-17.50.

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
Franklan Debono
Executive Secretary

**Mozzjoni Ref:** 56 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 167 tiġi approvata.

**Proponent**
Loranna Bonniċi

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 7 ta' Ottubru , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 57 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 20

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 7 ta' Ottubru , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**